MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MIZZI**

Seduta tat-30 ta' Settembru, 2011

Numru. 696/2011

Il-Pulizija
(Sp Jesmond Micallef)
vs
Mohamed Alnaser, iben Fawaz, imwieled Homs, is-Sirja fil-11 ta' Ottubru, 1975, Karta ta' l-Identita numru 38957A
u
Kasem Kasem, iben Awut, imwieled Homs, is-Sirja fl-1 ta' Frar, 1977, Karta ta' l-Identita numru 49863A
u
Mamdouh Altllas, iben Hussein, imwieled Homs, is-Sirja fl-1 ta' Jannar, 1984, Karta ta' l-Identita numru 62005A

Il-Qorti,
Rat l-akkużi kontra l-imputati talli fl-4 ta' Ġunju, 2011, għal ħabta tat-8.30 p.m. f'dawn l-Gżejjer u cioe' fi Triq Sir Frederick C. Ponsonby, Gżira:

1. ikkaġunaw feriti ta’ natura gravi fuq il-persuna ta’ Alktet Ali Aiad Ali, hekk kif iċċertifikat minn Dr. S. Saliba M.D. ta’ l-Isptar Mater Dei;
2. bil-ħsieb li jagħmlu delitt, u cioe’ tentattiv ta’ ferita gravi fuq il-persuna ta’ Amge Mohammed Jafan, urew dan il-ħsieb b’atti esterni u taw bidu għall-esekuzzjoni tad-delitt, liema delitt ma ġiex esegwit minħabba xi ħaġa aċċidentali u indipendenti mill-volonta’ tagħhom;
3. ikkaġunaw feriti ta’ natura ħafifa fuq il-persuna ta’ Amge Mohammed jafan hekk kif iċċertifikat minn Dr. J. Zammit M.D. ta’ l-Isptar Mater Dei;
4. talli kienu tlett persuni jew aktar li nġemgħu jew baqgħu flimkien, għal kull ħsieb li jkun, b’mod tali u taħt ċirkostanzi tali ta’ vjolenza, theddid, rewwixti, għadd ta’ nies, wiri ta’ armi jew xort’ oħra, li jistgħu jġibu twerwir u biża’ fost in-nies f’Malta, liema ġemgħa bħal din titqies kontra l-liġi, liema persuni miġmugħa kontra l-liġi għaddew, għal kollox jew f’parti, biex jesegwixxu l-ħsieb tagħhom ta’ flimkien, inkella ttantaw li jesegwuh;
5. ħebbew kontra l-persuni ta’ Alktet Ali Aiad Ali, Amge Mohammed Jafan u ta’ persuna jew persuni oħra, sabiex jinġurjawhom, idejquhom jew jagħmlu ħsara lil dawn il-persuni;
6. għamlu lil Alktet Ali Aiad Ali u Amge Mohammed Jafan inġurja jew theddid, jew jekk kienu provokati, inġurjaw b’mod li ħarġu barra mill-limiti tal-provokazzjoni;
7. heddew bil-ġebel jew bi ħwejjeġ oħra iebsin, jew waddbu jew qabdu armi oħra kontra l-persuni ta’ Alktet Ali Aiad Ali, Amge Mohammed Jafan u ta’ persuna jew persuni oħra;
8. volontarjament kisru l-bon ordni u il-paċi pubblika bi ġlied, għajjat u storbju;
9. kellhom fil-pussess tagħhom armi (armi rregolari) mingħajr il-liċenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali fejn ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Rat il-verbal tas-seduta tat-30 ta’ Settembru, 2011 fejn il-Qorti ġiet infurmata li l-parte ċivile rrinunzjat għall-azzjoni kriminali.

Rat il-verbal tas-seduta tat-30 ta' Settembru, 2011 fejn l-imputat Mohamed Alnaser ammetta l-akkużi miġjuba kontra tiegħu.

Rat il-verbal tas-seduta tat-30 ta' Settembru, 2011 fejn l-imputat Kasem Kasem ammetta mit-tieni sad-disa' akkuża miġjuba kkontra tiegħu.

Rat il-verbal tas-seduta tat-30 ta' Settembru, 2011 fejn l-imputat Mamdouh Altllas ammetta mir-raba' sad-disa' akkuża miġjuba kontra tiegħu.

Semgħet lill-prosekuzzjoni u lill-avukati ta' l-imputati dwar il-piena.

Għaldaqstant, issib lill-imputat **Mohamed Alnaser** ħati tal-akkużi miġjuba kontra tiegħu. Rat l-artikoli 41, 64, 216(1)(d), 221(1), 79(1)(2), 338(dd) u 339(1)(ċ)(d)(e) tal-Kodiċi Kriminali u tikkundannah għal piena ta' tmintax il-xahar priġunerija. Rat l-artikolu 28A tal-Kodiċi Kriminali u tordna li tali piena ma sseħħ ħlief jekk l-imputat jikkometti reat ieħor li għalih hemm il-piena tal-priġunerija fi żmien sentejn mil-lum. Ma ssibx lill-imputat **Kasem Kasem** ħati tal-ewwel akkuża miġjuba kontra tiegħu u għalhekk tilliberah minn tali akkuża. Issibu ħati tal-akkużi l-oħra kollha. Rat l-artikoli 41, 64, 216, 221(1), 79(1)(2), 338(dd) u 339(1)(ċ)(d)
(e) tal-Kodiċi Kriminali. Ma tikkundannahx għal piena karċerarja iżda tilliberah taħt il-provvedimenti tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta bil-kondizzjoni li ma jagħmilx reat ieħor fi żmien tlett snin mil-lum. Ma ssibx lill-imputat **Mamdouh Altllas** ħati tal-ewwel tlett akkużi miġjuba kontra tiegħu u għalhekk tilliberah mill-istess akkużi. Issibu ħati tal-akkużi l-oħra kollha. Rat l-artikoli 64, 79(1)(2), 338(dd) u 339(1)(ċ)(d)(e) tal-Kodiċi Kriminali. Ma tikkundannahx għal piena karċerarja iżda tilliberah taħt il-provvedimenti tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta bil-kondizzjoni li ma jagħmilx reat ieħor fi żmien sena mil-lum.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------